# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVIL

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar …………….., 2002.**

**Kawza Numru:**

**Citaz. Nru. 403/01 GV**

**Randolph Camilleri Surveys Limited**

**Vs**

**Ideal Dwellings Turnkey Limited**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li premess illi l-kumpannija konvenuta hija debitrici tal-kumpannija attrici versu s-somma ta' elfejn tlett mija u tmenin liri Maltin u hamsin centezmu (Lm2380.50) liema ammont jirrapprezenta bilanc minn drittijiet u spejjez professjonali dovuti ghas-servizz ta' "land surveying" provdut lill-kumpannija konvenuta fuq ordni taghha stess;

Premess illi kumpannija konvenuta, ghalkemm interpellata kemm il-darba sabiex thallas anke permezz ta' ittra ufficjali datata 28 ta' Novembru 2000, baqghet inadempjenti;

Premess illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ai termini tal-artikoli 167 sa 170 tal-kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili, stante li dan il-kreditu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-kumpannija attrici, il-kumpannija konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont u l-kumpannija attrici qieghda tannetti affidavit immarkat Dok. A a tenur ta' l-istess Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili.

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti biex:

1 Tiddeciedi skond it-talba bid-dispens tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili;

2 Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta thallas lill-kumpannija attrici is-somma ta' elfejn tlett mija u tmenin liri Maltin u hamsin centezmu (Lm2380.50)

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 28 ta' Novembru 2000 kif ukoll bl-imghax legali mid-data tal-prestazzjoni tas-servizzi sal-pagament effettiv kontra il-kumpannija konvenuta li minn issa qed tigi ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 13 tal-process fejn eccepixxa:

Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont mitlub mhuwiex dovut minghand il-konvenut.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**